TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 161/14/GB

**Andriette Axiaq**

**vs**

**Cutajar Limited**

Illum 1 ta' Ottubru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Lulju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet mija disgha u ghoxrin Ewro (€329.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal 'dehumidifier', li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema 'dehumidifier' kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fl-10 ta' Dicembru 2013, hija kienet xtrat 'dehumidifier' minghand is-socjeta' ntimata, pero' ftit granet biss wara, beda jqattar minn taht. Illi ghalhekk hija kienet ilmentat mas-socjeta' ntimata u d-'dehumidifier' ittiehed is-service centre. Kellhom isiru xi xogholijiet riparatorji fuqu, pero' meta r-rikorrenti regghat haditu d-dar, id-'dehumidifier' kien jibqa' ghaddej ghalkemm ikun imtela' bl-ilma. Dan rega' gara f'Gunju, u ghalhekk ir-rikorrenti regghat hadet id-'dehumidifier' ghand is-socjeta' ntimata u stante illi kienet diga' lmentat tliet darbiet mas-socjeta' ntimata, hija rrifjutat illi taċċettah lura.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija wkoll kienet halliet id-'dehumidifier' in kwistjoni ghaddej u kien hadem tajjeb. L-ilma li qed issib ir-rikorrenti jista' jkun 'condensation' u s-socjeta' ntimata kull ma ghamlet kien 'insulation' u mhux xogholijiet riparatorji, ghaliex fil-fatt ma kellu xejn hazin. Peress illi l-kompressur ma jaqta' qatt, is-socjeta' ntimata kienet irrakkomandat li ma jintużax kontinwament. It-tieni darba li r-rikorrenti kienet ilmentat, is-socjeta' ntimata kienet hallietu 'on test' ghal jumejn, fejn kien qata' u mmarka li kien 'full'. Teknikament huwa mpossibli li jibqa' ghaddej. Is-socjeta' ntimata ttestjat id-'dehumidifier' aktar minn erbgha darbiet, u filwaqt li qatt ma ghamlet xi tiswijiet, kienet sempliċiment zieditlu l-'insulation' .

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta, li ġiet immarkata bhala Dok.AA1; flimkien ma' kopja tal-garanzija, li ġiet immarkata bhala Dok.AA2; u kopja ta' invoice datat 27 ta' Dicembru 2013, li ġiet immarkata bhala Dok.AA3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda ġuramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi ma jistax ikun li kwalunkwe xorta mixtrija tittiehed ghat-tiswija ghal darba, darbtejn, tlieta u xorta tibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur. Illi ghalhekk, u wara li ra l-provi li ngabu quddiemu, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata żżomm fil-pussess taghha d-'dehumidifier' in kwistjoni, u thallas l-ammont ta' tliet mija disgha u ghoxrin Ewro (€329.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**